# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Ronald Seychell**

**Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta' Ottubru, 2023.**

## Il- Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Ronald Seychell 016128 (M) bin Victor u Concetta nee Spiteri mwieled fil-20/03/1980 u joqghod Blk XI, 35, Triq John Pace, Bormla talli fl-14 ta' Awissu, 2022 ghall-habta ta'

03:27 hrs fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni KBE231.

1. B'manjiera traskurata.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.
4. U aktar talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura inqast li jkollok kontroll shih jew hallejt il-vettura wehida bla ma hadt prekawzjoni xierqa biex ma tigiex imcaqalqa sakemm iddum nieqes jew hellejt il-vettura wieqfa fit-triq jew li tkun immaniggjata b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' xi nkonvenjent ghall-pubbiku.
5. U talli soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post meta ma' kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.
6. U aktar talli irrifjutajt jew inqast milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina.
7. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Santa Venera Local Council.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-LS 65.18 art 36B u fil- LS 65.18 tas- Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328(d) tal-Kap 9 , l-art 15(1) (a) (2) , 15A, 15E tal-Kap 65, LS 65.11 Reg 68, LS 65.18 art 36B u fil-LS 65.18 tas-Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif ukoll ic-cahda taghha stess fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2023 ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ikollha differiment stante li dawn huma procedure ta' natura sommarja.
Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.
Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

PS 2344 Abigail La Ferla xehdet permezz ta' affidavit dwar l-involviment taghha fl-incident odjern. Dan l-Affidavit hu bil-lingwa Ingliza . Izda imkien ma hemm imnizzel li l-imputat talab li jigi indirizzat bil-lingwa Ingliza. Inoltre, diversi drabi fl-istess affidavid jinghad li " was not speaking clearly or making any sense" Pag 1 minn 6 "you were in no condition to speak clearly", (pg 5 minn 6). Il-kundizzjoni tieghu keienet tali li kellha tingab assistenza medika fuq il-post.

Illi l-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2023 cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ikollha differiment stante li dawn huma proceduri ta' natura sommarja. Pvs Simon Vassallo deciza minn Onor Imhallef Aaron Bugeja 25/2/21 fejn l-istess sentenza ikkwotat P vs Peter Ferdinand 23/9/02d per Prim'Imhallef Vincent De Gaetano li l-kawzi sommarji iridu jitmexxew b'speditezza.

## Ikkunsidrat

Illi ma hemm l-ebda prova li l-imputat kien b'xi mod isuq xi vettura ai termini tal-imputazzjonijiet. Inoltre, jirrizulta mix-xhieda ta' PS 2324 Abigail La Ferla li apparti mhux car jekk l-imputat giex indirizzat bil-lingwa Ingliza u jekk fil-fatt kien jifhem bil-lingwa Ingliza, tant kien fi stat hazin, li kellha tigab assistenza medika u bhekk hemm dubju serju jekk kienx f'posizzjoni li jifhem dak li kien qed jinghad lilu ahseb u ara kemm kien fi stat li jirrifjuta t-test tal-*Breathalyser*.

Dawn ic-cirkostanxzi iwasslu sabiex ma hemmx il-grad rikjest fil-kamp kriminali biex tinstab xi htija da parti tal-imputat.

## Decide

Ghaldaqstant ma issibx lil Ronald Seychell hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**